MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2003

Numru 12/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Ibrahim Mohamed Elaswed**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 12 tas-sena 2002, kontra l-akkuzat Ibrahim Mohamed Elaswed, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Mansour Muftah Nagem, sas-sena 2000, ma kinetx l-ewwel darba li kien gie Malta. Fil-fatt kien gie l-ewwel darba fis-sena elf disa mija seba u disghin. Mis-sena 1997, huwa kien habib ma' certu Salah Ali Elwarfalli, cittadin Libjan iehor. Mansour Muftah Nagem allura kien jaf li dan Elwarfalli kien involut u implikat fit-tmexxija tad-droga, ossia medicini perikoluzi, kemm fil-Libja kif ukoll f'Malta.

F'Novembru tas-sena 2000, it-tnejn li huma kienu iltaqghu Malta. Kien Elwarfalli li beda jipprova ihajjar lil Mansour Muftah Nagem sabiex jidhol socju mieghu fl-importazzjoni w traffikar tad-droga f'Malta, u anke f'pajjizi ohra. Ghall-ewwel, Nagem irrezista t-tentazzjonijiet li Elwarfalli kien qieghed jipprova jwaqqu fihom. Pero', eventwalment Nagem spicca sabiex waqa' ghal dawk it-tentazzjonijiet, aktar u aktar meta ntebah bil-prezz gholi li d-droga kienet iggib fis-suq lokali w esteru, partikolarment meta tinbiegh illegalment fit-toroq.

Mela kien ghal nofs Novembru tas-sena 2000 li Muftah Nagem u Elwarfalli dahlu socji ma' xulxin u ftehemu li jinvolvu ruhhom fl-importazzjoni w traffikar tad-droga f'Malta w anke f'pajjizi ohra. Wara li ftehemu, ikkumbinaw bejniethom il-mezzi li bihom kellhom jimxu fl-esekuzzjoni ta' dan il-pjan miftiehem bejniethom. Sadanittant dahal maghhom ukoll f'dina l-assocjazzjoni certu Ibrahim Elaswed. Dawn il-mezzi kienu li Nagem kellu javanza mitejn Dollaru Amerikan lil Elaswed sabiex dana jixtrilu biljett tal-ajru minn Malta ghal Istanbul, Turkija, kif fil-fatt gara. Effettivament, Elaswed u Muftah Nagem siefru flimkien minn Malta ghat-Turkija. Hemmhekk, huma alloggaw gewwa l-lukanda Holit. Bl-assistenza ta' terza persuna, huma kellhom, kif fil-fatt ghamlu, jixtru d-droga herojina minn hemm, u wara li jkunu ghamlu hekk, Muftah Nagem kellu, bil-parir u suggerimenti ta' Elaswed, jahbi d-droga fl-effetti personali tieghu stess, biex imbaghad dana jidhol biha bil-mohbi f' Malta fejn sussegwentement, xi jiem wara, kellu jerga' jiltaqa' ma' Elaswed, jghaddilu l-istess droga biex ikun jista' jbieghha lokalment, u anke barra minn Malta, permezz tal-kuntatti lokali w esteri li huwa kellu, w mir-rikavat taghha jaghti bhala kumpens lil Muftah Nagem somma ta' flus li allura kienet ghadha indeterminata.

Fortunatament, meta Mansour Muftah Nagem gie biex idahhal id-droga hawn Malta, kif jigi elaborat ahjar fit-tieni kap hawn taht imsemmi, inqabad fil-fatt mill-Pulizija Maltija biex b'hekk din l-assocjazzjoni ta' bejn Muftah Nagem, Salah Ali Elwarfalli w Ibrahim Elaswed fl-importazzjoni w traffikar tad-droga giet sfrattata w intemmet fix-xejn.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Ibrahim Mohamed Elaswed sar hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jitraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad--disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ibrahim Mohamed Elaswed hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jitraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lml000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1 B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il--Medicini Perikoluzi (Kap.101) u fl-artikoli 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

2) u wara li fit-tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta kif ga' allegat taht l-ewwel kap hawn fuq imsemmi, parti mill-mezzi ikkumbinati bejn Mansour Muftah Nagem, Salah Ali Elwarfalli u Ibrahim Elaswed fl-assocjazzjoni ta' bejniethom fl-importazzjoni w traffikar tad-droga, kienet tikkonsisti f'illi l-istess Muftah Nagem jitla' it-Turkija, jiltaqa' mal-istess Elwarfalli u Elaswed, jiehu d-droga minghandhom u jissokta biex materjalment idahhalha f'Malta.

Effettivament, nhar it-Tnejn, ghoxrin ta' Novembru tas-sena 2000, Muftah Nagem, Elwarfalli u Elaswed iltaqghu fil-Holit Hotel, Istanbul, Turkija. Hemmhekk, Ibrahim Elaswed qal lil Nagem sabiex dana jgorrlu zewg pakketti kontenenti d-droga herojina. Nagem accetta, w it-tnejn li huma rrangaw tali mod li dawk iz-zewg pakketti droga gew imdawrin ma' zaqq u dahar Nagem. Barra minn hekk, irrangaw ukoll li Nagem jilbes par zarbun gdid li fih kien hemm mohbija ukoll kwantita' ohra ta' herojina. Dan il-par zarbun kellu ikun l-istess li Nagem kellu jkun liebes huwa u gej Malta.

Nhar it-Tnejn, ghoxrin ta' Novembru, 2000, Mansour Nagem Muftah qabad it-titjira ghal Malta minn Damasku, Sirja, titjira tal-Air Malta. Hekk kif wasal Malta dakinhar, huwa sab lill-Pulizija Maltija flimkien ma' Ufficjali tad-Dwana jistennewh sabiex jaghmlulu tfittxija peress li l--istess Awtoritajiet Maltin, sa' mit-tnax ta' Novembru tal-imsemmija sena, kellhom ga' informazzjoni anonima li persuna fuq dik it-titjira kienet sejra ddahhal kwantita' konsiderevoli tal-medicina perikoluza herojina f Malta.

Minn tfittxija li saritlu fuqu, Nagem Muftah instab li kellu w li kien dahhal f'Malta kwantita' kbira ta' herojina fil-qiegh taz-zarbun li kien liebes, flimkien ma' zewg pakketti herojina ohra,  zewg pakketti kbar u irqaq tal-plastik, imdawrin ma' zaqqu w daharu, fejn fuqhom kien hemm bicca faxxa elastik li tintuza bhala back support, liema faxxa kienet qeghda tghatti dawn iz-zewg pakketti.

Illi ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Ibrahim Mohamed Elaswed sar hati talli importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal--Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ibrahim Mohamed Elaswed, hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (Lml000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

3) u wara li fit-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fis-sieghat ta’ nhar l-20 ta’ Novembru, 2000, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, appena wasal Malta mis-Sirja, wara li kien mar hemm mit-Turkija, w in segwitu ghal tfittxija li l-Awtoritajiet Maltin ghamlu fuq l-effetti personali tieghu, Muftah Nagem instab xjentement fil-pussess ta’ cirka ftit aktar minn tmin mitt gramma tal-medicina perikoluza herojina, b’purita’ ferm gholja, li kienu mohbija f’zewg pakketti differenti imdawrin ma’ zaqqu u daharu u kwantita’ ohra mohbija fil-qiegh taz-zarbun li kien liebes. Dawn gew hekk mohbija bl-ghajnuna w assistenza ta’ Mohamed Elaswed wkoll kien qieghed fuq l-istess titjira li biha Nagem wasal Malta. Nagem kien qieghed jimporta w igorr dik id-droga ghan-nom ta’ Elaswed, tant li kif appena kellu johrog mill-ajruport ta’ Malta, kellu jikkonsenja l-istess droga lil Elaswed. Tali kwantita’ ta’ droga kellha valur potenzzjali

minimu, fis-suq lokali klandestin, ta’ cirka erbghin elf Lira Maltin.

Mansour Muftah Nagem ma kienx xi bniedem li qatt abbuza minn xi droga ossia medicina perikoluza, wisq inqas mill-herojina. Huwa lanqas ma kellu l-hsieb li mal-ewwel opportunita’ li jkollu jiddikjara l-pussess tieghu tal-herojina lill-Awtorita’ Doganali Maltija u/jew li jaghti f’idejhom l-istess medicina perikoluza. Fil-fatt kellu jaghtiha f’idejn Elaswed aktar tard. B’hekk gie li l-pussess xjenti li Elaswed kellu talherojina ma kinetx tfisser necessarjament li l-herojina kienet materjalment f’idejh jew fuqu. Pero’ huwa kellu l-kontroll taghha, jew xi forma ta’ kontroll fuqha, anke jekk hija ma kinetx materjalment f’idejh.

Illi d-droga herojina hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-imsemmija Nagem u Elaswed ma kellhomx awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kienux bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu dik id-droga. Anqas kienu b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta w anqas kienu awtorizzati mill-President ta’ Malta li jkollhom id-drogi fil-pussess taghhom. Anqas giet id-droga msemmija fornita lill-istess Nagem Muftah u Elaswed ghall-uzu taghhom skond xi ricetta kif provdut fir-regolamenti.

Illi b’eghmilu l-imsemmi Ibrahim Mohamed Elaswed sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli

tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;  b’dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ibrahim Mohamed Elaswed, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI talOrdinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;  b’dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1 )(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 17(h), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat,

inkluz li l-akkuzat jigi ddikjarat bhala immigrant ipprojbit u li jinhareg ordni ta’ tnehhija kontra tieghu skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verdett tal-gurati moghti fis-seduta tal-lum li bih il-gurati bi tmin (8) voti favur u vot wiehed (1) kontra sabu lil Ibrahim Mohamed Elaswed hati tal-ewwel kap tal-att tal-akkuza;
Li bi tmin (8) voti favur u vot wiehed (1) kontra sabu lill-istess hati tat-tieni kap tal-att tal-akkuza u li bi tmin (8) voti favur u vot wiehed (1) kontra sabu lill-istess hati tat-tielet kap tal-att tal-akkuza;

Tiddikjara lil Ibrahim Mohamed Elaswed hati talli :-

F’Novembru tas-sena 2000 assocja ruhu ma persuni ohra f’Malta u ma persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jittraffika medicina u droga ohra bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromwova, ikostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-organizzazjoni w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

Ukoll fl-20 ta’ Novembru tas-sena 2000 importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata Medicina Perikoluza (herojina), f’Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizzazjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;    u

Talli fl-20 ta’ Novembru tas-sena 2000 gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina li ghalija tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew

iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;  b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

Semghet lil Prosekuzzjoni u lid-Difiza dwar il-piena;

Rat il-verbal tal-lum li bih il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li ghal fini tal-piena u ghal fini tal-Artikolu 17 (h) tal-Kap. 9 ir-reati taht l-ewwel zewg kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz biex isir ir-reat taht it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

Qieset favur il-hati l-fatt li l-verdett tal-gurija ma kienx wiehed unanimu, l-eta' relattivament zghira tal-akkuzat fi zmien tal-kommissjoni tar-reati, il-kondotta incensurata tal-hati fil-Libja w f'Malta qabel il-kommissjoni tar-reati w z-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-process, kif ukoll il-fatt li l-persuna li materjalment kienet qed iggorr fuqha d-droga inghatat sentenza wara ammissjoni ta' ghaxar snin prigunerija w multa ta' sbatax il-elf lira (LM17,000);

Qieset pero' kontra dan il-fatt li l-persuna l-ohra inghatat tali piena karcerarja w pekunjarja ghaliex ibbenifikat minn zewg fatturi importanti li jwasslu ghal tnaqqis fil-piena w cioe' l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri tal-process kif ukoll il-fatt li hu kien ibbenifika minn dak li hemm mahsub fl-Artikolu 29 tal-Kap. 101,  li jiddisponi li meta l-Prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li persuna misjuba hatja tar-reat kontra l-Kap. 101 tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lil persuna jew lil persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina,  l-piena titnaqqas, dwar prigunerija, bi grad wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja f'terz jew nofs – beneficju dan li zgur ma japplikax ghal hati f'dan il-kaz;

Qieset ukoll kontra l-hati l-kwantita' tad-droga involuta w l-grad ta' purita' taghha pjuttost gholi w l-hsara li din kienet se tirreka fis-socjeta' Maltija kieku ma gietx intercettata fl-Ajruport;

Qieset ukoll li l-piena trid isservi ta' detterent generali kontra l-kommissjoni ta' dawn ix-xorta ta' reati w sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni li l-piena tal-hati trid tigi konsidrata independentement minn dik tal-persuna l-ohra involuta invista tad-differenjazazjoni fic-cirkostanzi tal-ammissjoni bikrija w tal-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kap.101 fuq imsemmi;

Rat l-artikoli 9, 10(1), 12,14, 14(1)(5), 15, 15A, 20, 22(1)(a)(b)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb) (3A)(c)(d), u 26 tal-Kap. 101 u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39), kif ukoll l-Artikoli 14 u 15 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikoli 17 (h), 20, 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali w wara li tiddikjara li huwa applikabbli l-Artikolu 17(h) fuq imsemmi b'dan li ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi;

Tikkundanna lil hati ghal tmintax (18) il-sena prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull perjodu li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma dan il-kaz u ghal multa ta' tletin elf lira Maltin (LM30,000) liema multa tkun awtomatikament konvertibbli f'perjodu ta' prigunerija ta' tnax (12) il-xahar jekk ma tithallas minnufih;

Tikkundannah ukoll ihallas l-ammont ta' mija w ghoxrin lira Maltin (LM120) import tat-total tal-ispejjes tal-perizji inkorsi f'dan il-process;

U inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli jew immobbli ohra tal-hati;

U, fil-waqt li tiddikjara lill-hati Ibrahim Mohamed Elaswed bhala immigrant ipprojbit, tordna li jinhareg ordni ta'

tnehhija tieghu minn dawn il-Gzejjer skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ordni ghandu jigi esegwit appena w biss wara li jiskonta l-piena tieghu skond din is-sentenza;

u finalment tordna d-distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti li jikkonsistu f'medicini perikoluzi jew oggetti relatati ma' l-abbuz tad-droga mill-ispizjar Mario Mifsud taht is-supervizzjoni diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirraporta lil din il-Qorti bil-miktub meta din id-distruzzjoni tkun saret u dana fi zmien tlettin (30) gurnata mill-lum sakemm l-Avukat Generali tul dan il-perjodu b'nota ma jindikax li ghandu bzonn li din id-droga ma tigix distrutta ghall-iskop ta' xi proceduri ohra.

--------------------------------TMIEM--------------------------------